6 ta' Ottubru, 1954.

Imħallef:
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Giuseppina Deidun et. *versus* Emilia Poggi et.

**Serviġi — Gratuwità — Parentela.**

*Il-kumpens għal serviġi prestati jista' jkun dovut mhux biss "jure actionis", jew meta jkun pattwit, imma wkoll "officio judicis".*

*jew meta ċ-ċirkustanzi juru ċar illi min ippresta s-servizzi kellu l-intenzjoni li jitħallas għalihom.*

*Il-prestazzjoni tas-servizzi mhix preżunta li tkun saret gratuwitament, u l-intenzjoni tal-gratuwità u r-rinunzia għall-kumpens ma għandhomx jiġu akkolti faċilment. U fil-ġurisprudenza reċenti, anki għar-rigward tal-parenti, huwa applikabili l-prinċipju li kwalunkwe servizzi jiġu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens, jekk ma jikkonkorrux ċirkustanzi tali li jiġġustifikaw konkludentement il-gratuwità, sija pure meta hemm relazzjonijiet ta' parentela.*

*Jekk il-provi juru li, meta ġew prestati s-servizzi, min irrendihom ma kellux intenzjoni li jitħallas għalihom, ma hemmx lok għall-kumpens. Dak li hu importanti li għandu jiġi eżaminat, biex wieħed jara għandux ikun hemm kumpens jew le, huwa l-mument meta ġew prestati s-servizzi; u ċ-ċirkustanzi susseġwenti ma joperawx retroattivament biex joħolqu dritt li ma kienetx intenzjoni tal-partijiet interessati li joħolqu.*

*Fil-każ preżenti, ġie ritenut illi meta ġew reżi s-servizzi ma kienx hemm ebda ħsieb ta' ħlas għalihom; u għalhekk il-Qorti rriġettat it-talba għal dak il-ħlas.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, fil-kwalità tagħhom fuq imsemmija, wara li jippremettu illi huma, għall-perjodu ta' ċirka disa' snin, ipprestaw favur il-konvenuta diversi servizzi u illi l-konvenuta ta' dan ma ħallsithomx; jitolbu illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, l-istess konvenuta tiġi kundannata tħallashom dik is-somma li tkun likwidata mill-Qorti, anki permezz ta' periti, għar-raġunijiet fuq imsemmija. B'riżerva ta' drittijiet oħra, u bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li giet inġunta biex tidher għas-subizzjoni;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi hija t-tifla ta' Emilia Poggi, il-lum mejta........ It-talba ta' l-atturi hi għall-ħlas dovut lilhom għal servizzi minnhom preżi prestati lil Emilia Poggi fill-perijodu fuq imsemmi, bejn Novembru 1930 u Frar 1939....... Il-perit legali wasal għall-konklużjoni li l-atturi xejn ma ħaqqhom jieħdu minn għand il-konvenuta; u dan għaliex kull ma għam-

lu huma għamluh "familiaritatis causa" u mingħajr ebda idea ta' kumpens; u anki għaliex huma wkoll irċevew servigi oħra u rikambju tas-servigi minnhom prestati;

Illi minn żmien antik il-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati tenniet illi l-kumpens għas-servigi jista' jkun dovut mhux biss "jure actionis", jew meta jkun pattwit, imma wkoll "officio judicis", jew meta miċ-ċirkustanzi jkun jidher ċar illi min jippresta s-servigi kellu l-ħsieb li jitħallas għalihom. Il-prestazzjoni tas-servigi mhix preżunta illi tkun saret gratuwitament; u l-intenzjoni tal-gratuwità u r-rinunzja għall-kumpens ma għandhomx jiġu akkolti faċilment;

Il-preżunzjoni tan-"non-gratuwità" fil-ġurisprudenza anterjuri ġiet sostitwita bil-preżunzjoni kuntrarja fil-każ ta' servigi prestati bejn parenti, fejn is-servigi ġew ritenuti bħala prestati "familiaritatis causa". Imma fil-ġurisprudenza aktar reċenti anki għar-rigward tal-parenti, ġie applikat il-prinċipju li kwalunkwe servigi jiġu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens, jekk ma jikkonkorrux ċirkustanzi tali li jiġġustifikaw konkludentement il-gratuwità, sija pure minħabba relazzjonijiet ta' parentela (P.A. 3. 10. 1935 "Mifsud vs. Briffa"; 12. 12. 1935 "Farrugia vs. Caruana");

Illi ma hemmx dubju, għaliex dan jgħidu l-istess atturi, illi fil-każ tas-servigi li għall-kumpens tagħhom dawn qegħdin jagħmlu din il-kawża ma kien hemm ebda ftehim; u għalhekk il-kumpens għalihom jista' talvolta jkun dovut biss "officio judicis". Irid għalhekk jiġi eżaminat jekk l-atturi, meta marret għandhom Emilia Poggi, ipprestawlhiex servigi, u f'każ affermattiv jekk huma kellhomx intenzjoni li jitħallsu għal dawn is-servigi;

Illi dina l-Qorti hi tal-fehma li ma hemmx bżonn li ssir l-ewwel indagini; għaliex jidher illi "meta u fil-ħin" li Emilia Poggi marret għand l-atturi, "u sa ħafna żmien wara", dawn ma kellhomx l-intenzjoni li jitħallsu għas-servigi li huma setgħu pprestawlha. Tabilħaqq, kif jirriżulta mill-kumpless tal-provi......... L-atturi ndew jippretendu ħlas jew kumpens għas-servigi li huma jippretendu illi pprestaw lil Emilia Poggi "meta" saru jafu illi dina, bit-testment li rriedet tagħmel kellha l-ħsieb li tiddisponi favur l-atturi u ż-żewġ itfal l-oħra

tagħha ugwalment, u dan kien "wara żmien" li Emilia Poggi *kienet bdiet tmur fid-dar ta' l-atturi.* Għalhekk minn dan jidher illi kull ma sar mill-atturi favur Emilia Poggi, almenu meta u fl-ewwel żmien li dina marret għandhom, kien "familaritatis causa"; għaliex fl-epoka li fiha kienu jiġu prestati s-servigi pretiżi mill-atturi ma jidherx illi setgħa kien hemm minn naħa ta' dawn l-idea ta' kumpens, u żgur ma kienx hemm din l-idea minn naħa ta' Emilia Poggi;

U kif issottometta l-perit legali, u kif ingħad aktar 'il fuq, dan hu l-mument importanti li għandu jiġi eżaminat biex wieħed *jara jekk għandux jitħallas kumpens jew le; u ċirkustanzi* sussegwenti ma joperawx retroattivament biex joħolqu dritt li ma kienetx intenzjoni tal-partijiet interessati li joħolqu. F'dan is-sens ġie deċiż minn dina l-Qorti f'każ analogu (ara Kollez. Vol XXXV-II-335);

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk miġjuba mill-perizja legali safejn huma kompatibili magħhom;

Tiddeċidi billi tirrespinġi t-talba ta' l-atturi; bl-ispejjeż kontra tagħhom.

---